ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 02/2010**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 3 ta' Awwissu 2010**

**Ħin: Fid-9.00 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sinjura Carmen Camilleri**
- **Is-Sur George Sacco**
- **Is-Sur Joseph Zammit**
- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgha ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 01/2010

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 01/2010 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Dwar fejn is-Sur Sacco talab kopja tal-pjanta bil-konfini ta' Marsalforn u pjanta oħra ta' toroq fejn jista' jsir xogħol fl-istaġun tas-sajf, kien maqbul li għandu jitniżżel fil-minuti li dan għal fini ta' amministrazzjoni.

Dwar id-diversi karrijiet fil-Menqa, is-Sur Debono qal hu kien wera x-xewqa li fuq il-karrijiet ikun hemm in-numri tad-dgħajjes. Ittieħdet nota ta' dan fil-Minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvata kif emendata u ffirmata.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI NRU. 01/2010

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Memo 95/2010 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Skema dwar inizzjattivi ta' attivitajiet 2011. Il-Kumitat Amministrattiv qabel li japplika għal finanzjament ta' tlett attivitajiet, Festi Pawlini Marsalforn, Fireworks festival – ftuħ ta' l-istaġun turistiku (it-tieni *weekend* ta' Mejju 2011) u Fireworks festival – egħluq ta' l-istaġun tal-għawm (l-aħħar *weekend* ta' Settembru 2011).

Ittra ta' Transport Malta dwar applikazzjonijiet għal *reserved parking bay* fi Triq il-Munġbell. It-talba kienet rifjutata peress li l-applikant mhux residenti fil-lokalita' ta' Marsalforn.

Komunikat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar proposti għall-bdil tal-konfini tal-Kumitati Amministrattivi.

## 5. PROPOSTI MILL-MEMBRI TAL-KUMITAT

Il-Kumitat Amministrattiv unanimament qabel li jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta biex isiru tibdiliet fid-dispożizzjonijiet għat-traffiku kif qed jiġi elenkat hawn taħt:

- Vannijiet tan-negozju jiġu pprojbiti li jipparkjaw b' mod li jingumbraw il-faċċata tal-ħanut IVY fi Triq il-Port kantuniera ma' Triq ir-Rabat.
- Li xarabanks li jidħlu fil-Menqa bil-viżitaturi għall-istabbilimenti ta' hemmhekk jitħallew joħorġu minn fejn qabel kien hemm l-APS. Titqiegħed tabella apposta biex tindika din il-possibbilita' lill-karozzi li jkunu deħlin il-Menqa, kif ukoll mera li turi jekk ikun hemm xi xarabank ħierġa.
- Li titwaħħal mill-ġdid it-tabella tal-ħinijiet tat-tluq tax-xarabanks ħdejn il-*bus shelter* fejn tqiegħed issa biex din ma tostakolax l-entratura għal ġewwa l-*bus shelter*.

- Jitranġa l-arloġġ li hemm fit-terminus biex dan jaqra l-ħin sew u li miegħu għandhom jimxu x-xufiera tax-xarabanks, għandu jaħdem ukoll matul ix-xhur tax-xitwa.
- Xarabank tas-7.30a.m. għandha tagħmel id-dawra tal-Qbajjar speċjalment fix-xitwa biex it-tfal tal-iskola jinġabru aktar qrib lejn id-dar.
- Hemm bżonn li ssir dawra ma' Marsalforn kollu biex id-*double yellow lines* ikunu kif meħtieġ. Dwar din il-proposta, is-Sindku qal iddaħħlux il-mentalita' meta diġa hemm liġi li tirregolarizza.
- Jitwaħħal STOP sign fit-tarf ta' Triq tan-Naħla.
- Isiru arranġamenti meħtieġa biex trakkijiet li jagħtu servizz ġewwa Triq Għar Qawqla ma jkunux kostretti joħorġu b' lura sa ħdejn il-knisja.
- Jiġi stabbilit Speed Limit kif tindika Transport Malta ġewwa Marsalforn u jitqegħdu tabelli apposta u li jsir *monitoring* b' **mod effettiv** għall-abbużi.
- Triq il-Qbajjar issir One Way bid-direzzjoni tkun lejn Marsalforn.
- It-tabella NO ENTRY li hemm mal-kantuniera ta' 'Il-Forno' u l-oħra ta' quddiemha huma kontradittorji u qed joħolqu inċertezza fost is-sewwieqa. Filli għandek it-tabella NO ENTRY u taħtha hemm l-eċċezzjoni 'Except for Access' (bil-Malti ħlief biex tidħol). Jew No Entry jew tista' tidħol.
- Li fi Pjazza San Pawl fl-inħawi tal-'Bo Jangles' fejn jingħaqdu flimkien Triq l-Isqof Pace, Triq Għar Qawqla u Triq ix-Xagħra **titġinġa** r*oundabout* ma' l-art bħal ma hemm fejn is-Salib tat-Tiġrija ġewwa r-Rabat. Għandhom ukoll isiru tabelli ta' priorita' mal-kantuniera u sinjali oħra ma' l-art biex jiggwidaw il-karozzi għal fuq il-linja tagħhom.
- Dik il-parti ta' Triq il-Wied quddiem Jessica's Delight tingħalaq għat-traffiku mal-bqija tat-toroq l-oħra.
- Hemm bżonn ta' *junction* li tgħaqqad il-*parking* ma' Triq ix-Xagħra biex eventwalment karozzi ħerġin mill-*parking* ma jgħaddux aktar minn Triq id-Duluri, Triq l-Isqof Pace u Triq il-Wied minn quddiem l-Electra. Sakemm titwettaq din il-proposta karozzi mill-*parking* sejrin ir-Rabat jiġu ndirizzati dritt fi Triq ir-Rabat minn Triq Lapsi. Dan biex jonqsu l-karozzi minn fost in-nies jippassiġġaw quddiem l-Electra fil-ħin ta' filgħaxija.

Il-Kumitat Amministrattiv qabel li jsiru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika u s-Sezzjoni tal-Beaches dwar dan:

- Tingħata tindifa ġenerali ġewwa Marsalforn u biex żgur ma titħalla l-ebda rokna mhix imnaddfa jsir programm ta' xogħol li jiġi mgħoddi lill-Pulizija biex fejn ikun se jsir it-tindif, fil-jum u fil-ħinijiet stipulati, ma jitħalliex isir *parking* tal-karozzi.
- Tingħata tindifa ġenerali fil-*parking* u li jinżabru s-siġar b' mod li d-dwal ma jitgħattewx.
- Is-servizz ta' *beach cleaning* jiġi estiż għall-ħinijiet ta' wara nofsinhar biex titnaddaf il-plajja wara li jitilqu n-nies li jkunu ġew għal ġurnata.

- Tinġibed l-attenzjoni ta' min hu konċernat biex mill-kamra li fiha jinħażen iż-żibel tal-Calypso Hotel ma toħroġx aktar riħa li ddejjaq lir-residenti ta' l-inħawi.
- Jitneħħew il-karrijiet imkissra u msadda fil-Menqa fejn qed ikunu ta' periklu għan-nies li jkunu fl-inħawi.
- Minħabba n-nemus li jkun hemm filgħaxija li qed ikun ta' nkonvenjent għan-nies bil-qegħda fuq il-bankijiet fuq il-*promenade* ta' Għar Qawqla jsir fuq skala regolari bexx b' xi pestiċida adegwat ta' dawk l-arbuxxelli li hemm taħt il-*promenade*.
- Isir taħmil sewwa taċ-ċagħaq li hemm fit-**tliet** mini taħt il-pont fi Triq il-Port.
- Jitneħħa dak il-ġebel kbir li ddaħħal bil-maltemp fuq ir-ramel quddiem il-ħanut tal-Mayjo.
- Isir it-taħmil sewwa u fil-fond (u mhux biss it-tindif tal-wiċċ) tal-Wied ta' Marsalforn biex ikun jista' jinġabar l-ilma tax-xita minflok ma jibqa' sejjer u jintilef fil-baħar.
- Jitneħħew l-imsiemer qodma li hemm fuq il-paletta ta' quddiem l-Għassa.
- Fejn hemm iż-żlieq fuq il-passaġġi tal-konkos li jagħtu għall-baħar isiru strixxi ta' l-injam.
- Is-slielem għall-għawwiema madwar il-bajja jkollhom pedati ta' l-injam u dawn is-slielem isiru b' mod li jistgħu jinqalgħu u jintrefgħu fi żmien il-maltemp fix-xitwa.

## 6. AFFARIJIET OĦRA

Is-Sindku ppropona li l-Kumitat jorganizza Peak Summer Event fi Triq il-Port matul ix-xahar ta' Awwissu. Qal li l-attivita' tkun tikkonsisti fi tqegħid ta' mwejjed fit-triq.

Is-Sur Sacco qal li l-affarijiet għandhom isiru skont ir-regolamenti tal-awtoritajiet konċernati.

Iċ-Chairperson ressqet il-proposta tas-Sindku għall-vot.

Favur (dment li jkunu osservati l-liġijiet relevanti).
Iċ-Chairperson, il-Viċi Chairperson, is-Sinj. Camilleri, is-Sur Sacco u s-Sur Zammit.

Kontra – Ħadd.

Il-proposta għaddiet.

Is-Sur Debono tkellem dwar sikka perikoluża f' Għar Qawqla. Il-Kumitat ftiehem li jinforma lil Transport Malta dwar din is-sikka.

Iċ-Chairperson tkellmet dwar it-tiswija tal-bankina ta' quddiem San Gejtan, Triq Santa Marija u qalet li din l-unika bankina fi Triq Santa Marija li baqgħet ma tranġatx.

Il-Kumitat iddiskuta sett ta' ritratti li għadda s-Sur Debono dwar xi nuqqasijiet fil-lokalita' ta' Marsalforn.

Is-Sur Sacco qal li hemm siġra tat-tin li qed tikkaġuna ħsara lill-arkati fi Triq ir-Rabat.

## 7. AĠĠORNAMENT

Il-Kumitat Amministrattiv aġġorna f' nofsinhar għal nhar it-Tlieta, il-31 ta' Awwissu 2010 fid-9.00 ta' filgħodu.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***